# L-assigurazzjoni tad-dar – ipproteġi dak li inti tħoss li hu ta' valur

Hemm tlett kategoriji ta' nies li jgħażlu l-assigurazzjoni tad-dar:

1. Dawk li tkun imposta fuqhom minn xi istituzzjoni finanzjarja jew bħala riżultat ta' xi arranġamenti kuntrattwali;
2. Dawk li kellhom xi esperjenza ħażina, jew serqa, ħsara mill-ilma jew jieqaf xi apparat; u
3. Dawk li jibżgħu minħabba r-riskju.

L-assigurazzjoni tad-dar tkopri żewġ riskji li huma totalment indipendenti:

1. Il-binja, l-istruttura fiżika li tinkorpora dak kollu li hu fiss; u
2. Il-kontenut, dak kollu li mhux fiss, fosthom lbiesi, arredamenti u għamara.

Meta ssir stima ta' propjetà, din dejjem tkun fuq bażi ta' ġdid minflok antik u mhemmx limitu ta' ħin fuq l-oġġett. Hi r-responabbiltà tal-klijent li jaġġorna l-valur tal-propjetà minn sena għal oħra, allavolja għal ġojjelli wieħed jista' jew jagħmel stima professjonali jew jagħti kopja tar-riċevuta tal-biċċa tad-deheb meta jkun xtrah.

Wieħed għandu jaġġorna mill-ewwel matul is-sena kull ħaġa ta' valur kbira li jkun xtara jew movimenti ta' sinifikat. Jekk tbiddel l-għamara ta' xi kamra, tinstalla xi kċina jew kamra tal-banju ġdida, dawn għandhom ikunu parti mill-istima, bħal ma tkun xi ħaġa kbira ta' valur bħal TV bi skrin kbir.

Meta għandek bżonn tagħmel *claim* fuq xi polża ta' assigurazzjoni tad-dar, importanti li tgħid lill-boker jew dak li biegħlek il-polża immedjatament. Inti fid-dover li tagħti d-dokumentazzjoni meħtieġa u l-istima tat-telf jew ħsara.

Meta tagħmel claim, dan dejjem jitqies bħala ħaġa waħda u mhux biċċiet individwali. Ma jkollokx koperta sakemm tirranġa dak li kkawża l-*claim* biex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' dak li gara.

Żomm f'moħħok li polza tal-assigurazzjoni għadha termini, kondizzjonijiet u esklużjonijiet, flimkien ma' limitu minimu ta' ħlas dovut. Aċċerta ruħek li tifimhom u tobdihom.

Għal iktar informazzjoni u biex tieħu kwotazzjoni ċempel MIB Insurance Brokers fuq 234-33-234 jew ibgħat emejl lil info@mib.com.mt.

– TMIEM –

## Pariri prattiċi **biex tibża għall**-propjetà **tiegħek fl-istaġun tax**-xita

REIN CARUANA ta' Mediterranean Insurance Brokers jagħti dawn l-10 pariri biex tibża għall-propjetà tiegħek fl-istaġun tax-xita:

1. Iċċekkja s-saqaf tad-dar għal xquq u toqob. Issiġillhom bir-*roofing compound*. Jekk dan ma jistax isir, ċempel speċjalist.
2. Iċċekkja l-gandotti tax-xita u ara li ma fihomx xi materjal, weraq, zkuk, ġebel żgħir u basktijiet tal-plastik. Dawn kollha jistgħu isaddu l-gandotti u b'hekk ifuru.
3. Iċċekkja l-irbit tat-tankijiet tal-ilma fuq il-bejt. L-għotiewen tat-tankijiet għandhom ikunu maqfulin sew inkella l-għotiewen jistgħu itiru f'riħ qawwi u jgħamlu ħsara lil terzi.
4. Għamara tal-ġnien, għodda jiġri l-hawn u l-hemm, tankijiet taż-żibel, roti u affarijiet oħra li s-soltu tħalluhom barra jistgħu jinġarru minn riħ qawwi u jew isirilhom ħsara jew jgħamlu ħsara lil terzi. Dawn għandhom jinżammu ġewwa.
5. Iċċekkja t-tqalfit tat-twieqi u l-bibien. Kwalunkwe xaqq jista' jħalli l-ilma jidħol, allura għandek terġa tagħmel tqalfit mill-ġdid meta dan taraħ imlaqqax jew maqsum.
6. Jekk għandek siġar li jagħtu fuq postijiet in komun, iċċekkja li mhemmx fergħat li jistgħu jaqgħu u jagħmlu ħsara jew ikunu ta' periklu. Aqta dawn il-fergħat qabel ma tibda x-xita.
7. Jekk għandek kantina jew garaxx li hu taħt il-livell tat-triq, li fihom pompa tal-ima, kun żgur li il-pompa tkun miżmuma tajba, ikollha s-servis u taħdem tajjeb.
8. Bibien, twieqi u partijiet oħra tad-dar magħmulin bl-injam jista' jsirilhom ħsara bl-ilma jekk il-ħin kollu jassorbu l-ilma. Ftakar tihom żebgħa tal-verniċ kontra l-ilma biex tipproteġihom.
9. Jekk għandek xi pixxina, biddel/ċekkja l-madum li jista' jinqala u jiġi merfugħ minn riħ qawwi.
10. Iċċekkja ukoll il-livell tal-ilma fil-pixxina biex meta tagħmel xita qawwija l-ilma ma joħrogx barra u jirvina l-ġnien jew jikkawża għargħar fid-dar tiegħek, u jagħmel iktar ħsara.